Parroċċa Familja Mqaddsa
l-Iklin
Parroċċa żgħira ... b'qalb kbira

CIS
Ċentru Spiritwalita' Injazjana

# Eżerċizzi tar-Randan b'differenza

Fir-Randan aħna lkoll imdorrijin nisimgħu l-Eżerċizzi għax hu żmien ta' preparazzjoni għall-ikbar festa tagħna l-Insara.

Din is-sena il-parroċċa tagħna, flimkien maċ-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana (tal-Ġiżwiti) qiegħdin noffrulkom opportunità ta' Eżerċizzi differenti mis-soltu; Eżerċizzi ibbażati fuq il-qari tal-quddiesa.

Il-qari tal-Ħdud tar-Randan ikun maħsub b'mod li jippreparana għall-festa kbira tal-Għid. Imma kemm inħalluh ikellimna fil-fond?

Matul dawn l-Eżerċizzi se nħallu l-qari tal-Ħadd ikellimna iktar fil-fond billi nitolbu permezz tiegħu. Barra minn hekk, se jitqassmu għajnuniet biex, min irid, ikun jista' jkompli jirrifletti fuq il-qari matul il-bqija tal-Ġimgħa.

Minflok Eżerċizzi matul waħda mill-ġimgħat tar-Randan, ħsibna li jkun iktar ta' siwi li din l-esperjenza tinfirex matul ir-Randan kollu. F'dawn l-Eżerċizzi sejrin niltaqgħu **kull nhar ta' Tlieta fis-6:40 pm fiċ-Ċentru parrokjali.** Il-laqgħa ddum madwar nofs siegħa u tkun tikkonsisti f'mument ta' talb iggwidat, mument ta' "sharing" u għajnuniet dwar kif timmedita l-Iskrittura.

**Id-dati tal-laqgħat** huma dawn:

28 ta' Frar

7, 14, 21, 28 ta' Marzu

4 ta' April

L-attendenza hija miftuħa għal kulħadd u hi bla ħlas. Jekk tixtieq tattendi nitolbuk timla hawn taħt u tagħtiha lill-kappillan sa mhux aktar tard mill-21 ta' Frar.

Jekk ikun hemm interess, aħna lesti wkoll li, waqt il-ħin tal-laqgħat għall-adulti, il-parteċipanti jistgħu jġibu t-tfal magħhom u aħna nippreparaw attivitajiet adattati għalihom. Jekk intom interessati kellmu lill-kapillan għal aktar dettalji.

Jekk tixtieq tkun taf iżjed dwar din l-initizjattiva, ikteb lil Fr Christopher Vella sj fuq chris@cismalta.org.

---

**APPLIKAZZJONI**

ISEM: ________________________________ Tel: ___________________________

email: ________________________________

Se nġib it-tfal miegħi (speċifika kemm u età): ________________________________